



C/2024/3985

24.6.2024

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Każ M.11574 - L CATTERTON / KIKO)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/3985)

1. Fit-13 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- L Catterton Management Limited ("L Catterton", l-Istati Uniti),
- KIKO S.p.A. ("KIKO", l-Italja).

L Catterton se takkwista indirettament, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Kiko kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

- L Catterton hija ditta ta' investiment iffukata fuq il-konsumatur, li l-kumpaniji tal-portafoll tagħha joperaw fin-negozju tal-bejgħ bl-immnut u tar-ristoranti, fin-negozju tal-ikel u tax-xorb, u negozji oħra tas-servizzi tal-konsumatur u tal-prodotti għall-konsumatur inklużi l-produzzjoni u l-bejgħ ta' ħwejjeġ u aċċessorji tal-moda, kożmetiċi u prodotti tal-fwieħa mad-dinja kollha iżda primarjament fl-Istati Uniti,
- KIKO toffri firxa wiesgħa ta' kożmetiċi tal-massa (inklużi make-up u aċċessorji relatati mal-make-up), kura tal-ġilda, kura tal-ġisem, kura tax-xemx u aktar reċentement prodotti tal-kura tax-xagħar u fwejjaħ mad-dinja kollha iżda primarjament fl-UE, speċifikament fl-Italja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi <sup>(2)</sup> jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11574 - L CATTERTON / KIKO

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---